MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 1830/2005

Norbert Camilleri (Id. 21779M) f'ismu proprju u kif ezercenti n-negozju 'Medialink Computer Centre', u dan ai termini tad-Digriet datat 17/12/2008.

Vs

Liam Ferriggi f'ismu proprju u kif ezercenti n-negozju 'Infinite Fusion Technologies' u dan ai termini tad-digriet datat 17 /12/2008.

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha dan it-Tribunal qed jigi mitlub li jikkundanna l-konvenut parti f'ismu proprju u parti in rapprezentanza ta' 'Infinite Fusion Technologies' sabiex ihallas lill-attur u lil Medialink Computer Centre s-somma ta' elf, u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm1,026), rapprezentanti diversi merkanzija u servizzi mixtrija minghand 'Medialink Computer Centre', kif ukoll spejjez

notarili u taxxa tal-boll fuq proprjeta’ f’Hal Qormi, debitament imhallsa mill-attur Norbert Camilleri f’isem l-istess konvenut Liam Ferriggi, liema ammont baqa’ ma thallasx mill-konvenut, ghalkemm huwa gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Ottubru 2005. Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Ottubru 2005 u bl-imghax legali mid-data ta’ l-istess ittra kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fill-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi 1. preliminarjament, in-nullita’ tal-avviz ghaliex Medlialink Computer Centre ma tistax tharrek u Infinite Fusion Technologies ma tistax titharrek, u fil-fattispeci m’hijiex konsentita korrezzjoni tax-xorta kontemplata mill-ligi fl-Artikolu 175(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta); 2. illi bla pregudizzju ghas-suespost, izda b’referenza ghall-istess, Liam Ferriggi m’ghandu jaghti xejn lil Medialink Computer Centre; 3. illi bla predudizzju ghas-suespost, Liam Ferriggi m’ghandu jaghti xejn lill-attur Norbert Camilleri fi spejjez notarili u taxxa tal-boll reklamati fl-Avviz odjern, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. 4. illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-somma totali reklamata hija f’kull kaz eccessiva; 5. Illi l-konvenut Liam Ferriggi ghandu jiehu minghand l-attur Norbert Camilleri somma ikbar, li ghar-rigward, il-konvenut ser jipprocedi b’gudizzju separat. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Sema’ x-xhieda tal-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Eric Attard prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda tan-Nutar Joseph Abela prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Bernice Spagnol prodotta mill-konvenut.

Ra r-rikors tal-attur datat 28 ta’ Ottubru 2008.

Ra r-risposta tal-konvenut tas-17 ta’ Novembru 2008.

Ra d-Digriet tieghu tal-17 ta’ Dicembru 2008.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok in vista tal-korrezzjoni fl-okkju tal-Avviz li giet awtorizzata minn dan it-Tribunal permezz tad-Digriet tieghu datat 17 ta’ Dicembru 2008, jidher li l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenut fir-risposta tieghu issa giet sorvolata, u ghalhekk din ghandha tigi michuda minn dan it-Tribunal.

Illi fil-mertu, l-ammont mitlub mill-attur, u cioe dak ta’ elf, u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm1,026), li huma ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija, u disa u tmenin Ewro u erba u disghin centezmu (€2389.94), huwa maqsum f’zewg partijiet. L-ewwel parti tikkoncerna ammont dovut ghall-bejgh ta’ oggetti li ghandhom x’jaqsmu mal-computers mill-attur lill-konvenut. Dan l-ammont johrog mill-erba invoices markati minn Dok. NC1 sa Dok. NC4, u b’kollox jammonta ghal Lm394.22 u cioe disa mija u tmintax il-Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€918.28).

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut jaccetta li l-ammonti indikati fid-Dokumenti NC1 u NC4 huma dovuti minnu lill-attur. Fir-rigward tal-ammont indikat fid-dokument NC3 il-konvenut jghid illi dan kien ammont dovut ghall-bejgh ta’ *computer server* li kellu jigi installat fil-post li l-partijiet kienu xtraw flimkien, izda alavolja dan ma sarx, l-istess *computer server* baqa fil-pussess tieghu u ghadu hemm sal-gurnata ta’ llum. Fir-rigward tal-ammont dovut skond id-dokument NC2, skond l-attur dan kien prodott difettuz, izda dan l-istess prodott xorta wahda baqa ghandu.

Illi ghalhekk jirrizulta li apparti dawk iz-zewg invoices li l-konvenut ammetta li ghandu jhallas, l-oggetti mibjugha lilu skond iz-zewg invoices l-ohra xorta wahda ghadhom fil-pussess tal-konvenut sa llum, u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-ammonti kollha indikata fl-invoices NC1 sa NC4 huma dovuti u ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Illi fir-rigward tat-tieni parti tal-ammont li l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut, dan huwa l-ammont rimanenti ta' sitt mija u wiehed u tletin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm631.78), u cioe, elf, erba mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€1471.65). Skond l-attur dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut bhala spejjes notarili u spejjes ta' taxxa u boll li thallsu mill-attur fir-rigward ta' proprjeta' li kienet inxtrat bi shab bejn iz-zewg partijiet.

Illi l-attur pprezenta d-dokumenti u l-ircevuti kollha in sostenn ta' din it-talba tieghu, u spjega li meta xtraw il-post in kwistjoni l-ispejjes fuq imsemmija kellhom jithallsu ugwalment bejniethom, izda dawn spiccaw thallsu kollha mill-attur. Sussegwentement meta l-konvenut kien biegh sehemu lill-attur, kien rega' sar kuntratt iehor u l-attur rega hallas l-ispejjes kollha notarili u spejjes ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-kuntratt, alavolja kien hemm ftehim bejn il-partijiet li dawn l-ispejjes kellhom jinqassmu bejniethom.

Skond il-konvenut meta n-negozju bejn il-partijiet ma rnexxiex huwa kien iddecieda li jbiegh is-sehem tieghu lill-attur, biss ma xtaqx jitlef xejn flus, specjalment peress illi kien ser ibiegh sehemu bl-istess prezz ezatt li kien xtrah. Skond il-konvenut ma kien hemm l-ebda arrangament jew ftehim bejn il-partijiet fis-sens illi l-konvenut kellu jhallas nofs l-ispejjes inkorsi ghaz-zewg kuntratti. L-istess gie konfermat mix-xhud Bernice Spagnol, li tiehu hsieb l-accounts tal-konvenut.

Illi wara li ha konsiderazzjoni tal-provi kollha migbura, it-Tribunal jidhirlu li meta l-partijiet gew biex jaghmlu t-tieni kuntratt, u cioe dak fejn l-attur kien qieghed jakkwista s-sehem tal-konvenut fil-proprjeta' in kwistjoni, l-pendenzi kollha ezistenti bejn il-partijiet fir-rigward ta' din il-

proprjeta' kellhom jigu rizolti u konkluzi. Madankollu ma hemm assolutament xejn imsemmi fil-kuntratt datat 3 ta' Novembru 2004 (u cioe it-tieni kuntratt) li l-konvenut kien ghad fadallu jhallas xi flus lill-attur fir-rigward ta' din il-proprjeta', alavolja din kellha tkun l-opportunita' perfetta biex il-partijiet jikkonkludu din il-pendenza.

Illi l-partijiet taw zewg versjonijiet kontrastanti tal-fatti fir-rigward ta' min kellu jhallas l-ispejjes notarili, u dawk kollha konnessi maz-zewg kuntratti. Alavolja skond l-attur kien hemm dan il-ftehim ma gie indikat assolutament xejn fit-tieni kuntratt, la jekk kien hemm xi ammont pendenti li kien ghad fadallu jhallas il-konvenut, u lanqas li l-ispejjes tat-tieni kuntratt kellhom jithallsu ugwalment bejniethom. Fin-nuqqas ta' dan, it-Tribunal ma jarax ghalfejn f'dan l-istadju ghandu jemmen lill-attur u mhux lill-konvenut illi l-ispejjes kellhom jinqasmu bejniethom, u gjaladarba l-attur ma deherlux li ghandu jnizzel car bil-miktub li huwa kien kreditur tal-konvenut f'dan ir-rigward, fit-tieni kuntratt, it-Tribunal ma jhossx li f'dan l-istadju ghandu jilqa t-talba attrici ghal dan l-ammont specifiku.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

i. jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

ii. jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

iii. jilqa t-tielet u r-raba eccezzjoni tal-konvenut;

iv. konsegwentement jilqa t-talba attrici limitatament u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' disa mija u tmintax il-Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€918.28);

v. Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------